**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-23 ta' Gunju, 2020**

**Kawza numru: 10/2019 AM**

**Numru fuq il-lista: 06**

**Write-On Limited (C28614)**

**89, Tigne Street,**

**Level 2,**

**Sliema**

**Vs**

**Shaker Limited (C43368)**

**3, Triq il-Gibjun,**

**San Gwann**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentata mis-socjeta' attrici fit-23 ta' Jannar 2019 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand is-socjeta' konvenuta il-hlas ta' tlett elef u erba' u hamsin ewro (€3,054) dovuta in konnessjoni ta' bejgh u fornitura ta' spazju fuq ir-rivista bl-isem ta' 'Homeworks' lis-socjeta' intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fol 18 tal-process li permezz taghha is-socjeta' konvenuta eccepiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt it-talbiet tas-socjeta' attrici u li ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Fix-xhieda tieghu Mark Spiteri direttur tas-socjeta' attrici xehed li huma jippublikaw dan il-magazine bl-isem ta' 'Homeworks' u li ghamlu xoghol ta' advertising lis-socjeta' konvenuta f'dan il-magazine. Huwa xehed li huma baghtulhom il-kont tal-full page adverts li ghamlulhom. Il-partijiet anke ffirmaw ftehim bejniethom li jinsab 'item 29' u Mark Falzon deher ghas-socjeta' konvenuta. Huwa xehed li r-reklami saru skont kif baghtulhom is-socjeta' konvenuta u lmenta da parti tal-istess ma kienx hemm.

In kontro-ezami huwa xehed li r-relazzjoni bejn iz-zewg partijiet kienet ilha sejra lura ghal diversi snin. Huwa jichad li fl-invoice 'bbiljaw' kemm tar-reklam u tan-news item flimkien anzi zied jghid li huma ma 'jibbiljawx' ghal l-*i*news item. Li anke kieku sar xi kancellament tal-ordni jekk din ma ssirx fi zmien specifikat ma tistax tigi kancellata. Huwa rrefera ghal fol 30 fejn hemm stipulat li l-cancellation trid issir fi zmien tlett ijiem u bil-miktub.

A fol 48 Mark Spiteri rega xehed li xtaq jelabora li b'referenza ghal invoice numru 6205, li normalment d-dokumenti jghaddi mill-klijent direttament lill-production taghhom u ma jghaddux minn idejn l-editur tal-magazine.

A fol 42 xehdet Lisa Borain, editor u general manager ta' 'Homeworks', ikkonfermat li hija ghamlet diversi editorials ghas-socjeta' konvenuta. Hija spjegat li fuq ir-reklami li huma bil-hlas il-klijent jaghzel hu l-kliem u l-logos izda fuq l-editorials li huma bla hlas huma jinfurmaw lill-klijent bil-kontenut taghhom. Mistoqsija dwar l-ilmenti tas-socjeta' konvenuta li dwar invoice numru 6205 fol 7 fejn is-socjeta' konvenuta infurmathom li l-logos ma gewx inseriti fir-reklam.

A fol 45 *overleaf* xehed Andrew Farrugia, sales manager mas-socjeta' attrici, li kkonferma li d-dokument a fol 29 huwa s-sales order tas-socjeta' konvenuta u li mmliha hu u li l-

kliem 'FP' ifissru 'full page'. Huwa jghid li l-procedura biex jikkancellaw hija li jekk ikunu *in prodocution* wiehed ma jistax jikkancella. Per ezempju jekk wiehed icempel f'Mejju biex jikkancella ta' Gunju il-production ta' Gunju tkun diga bdiet u ghalhekk wiehed ma jistax jikkancella ghax il-paginazzjoni tal-magazine tkun diga lesta. Huwa cahad li s-socjeta' konvenuta ghamlet xi ordni ta' kancellament ghax li kieku sar dan kienu jaqbdu l-karti originali u jikkancellaw lilhom.

A fol 41 is-socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

A fol 50 et xehdet Danica Falzon, direttur tas-socjeta' konvenuta, li prezentat sett ta' (13) tlettax-il dokument fol 62 et u spjegat ghaliex huma ma jridux ihallsu. Rigward invoice numru 3408 l-ilment taghhom huwa li kellhom *full page advert* u *editorial* fejn ir-ritratt gie maqtugh u t-text giet mibdulha kif jidher minn Dok DF2 a fol 63 u li dak huwa l-*full page advert* u huma lmentaw fuq dan. Dwar Dok DF3 a fol 64 dan juri li huma infurmaw lis-socjeta' attrici kif irid jidher ir-reklam ta' 'Dupont' liema text jigi dettat mill-istess 'Dupont' u Dok DF4 a fol 65 kif kellu jigi printjat mentri kid deher a fol 63 ghandu l-kliem li jidhru a fol 65 maqtughin u ghal din ir-raguni huma ma jridux ihallsu din l-invoice numru 3408.

Dwar l-invoice numru 6135 huma ma ghandhomx ilmenti dwarha tant li kienu ghamlu *part payment* sakemm jissetiljaw l-*issue* ta' qabel izda li gara kien li s-socjeta' attrici qatghet dan il-*part paryment* minn invoice numru 6103 minflok minn invoice numru 6135.

Rigward l-invoice numru 6205 huma kellhom *advert* u *advertorial news item* u inqatghu l-logos minn fuq l-image u inqata' t-test li kellhom jidhru skont fol 72 u fol 73 juri kif deher ir-reklam u ghalhekk huma ma kienux *'happy'* bis-sitwazzjoni. Hija spjegat li dwar ir-reklam t' Awwissu huma kienu lmentaw permezz ta' e-mail mas-socjeta' attrici ghax qabel il-magazine kien johrog mal-gazzetta 'Times of Malta' izda ghal xi raguni s-sistema inbidlet u il-magazine hija sabitu ghand l-istationers mal-art u meta lmentat mas-socjeta' attrici huma qalulha li jistghu jaghmlu li jridu. Ghalhekk huma nfurmaw lil Andrew Farrugia tas-socjeta' attrici li xtaqu jikkancellaw izda huwa infurmhom li ma setghux jikkancellaw tmien gimghat qabel meta huwa skont hi fix-xhieda tieghu xehed li jistghu

jikkancellaw sa tlett gimghat u nofs qabel. Anzi tghid li gieli cemplulhom sa gimghatejn qabel l-issue u joffrulhom reklam b'irhis ghax ikun hemm kumpanija li tkun ikkancellat.

Hija tikkontendi li l-invoice ta' wara 6307 ma messietx harget ghax kienet ikkancellatu. Fil-fatt l-invoice hija datata Ottubru 2014 u taghmel referenza ghal magazine li hareg f'Novembru u li fih ma kienx hemm *news item* ghax huma ma rieduhx. Difatti xejn materjal ma ghaddewlhom biex jigi stampat ghax kienu kkancellaw l-ordni. U kieku kienu ser jaghmluh kienu jaghmluh *bathroom* izda huma qabdu u tefghu l-istess bhal ta' qabel. Meta murija l-email a fol 21 juri li huma kienu diga hallsu ghalihom u rigward l-email a fol 25 hija tghid li din kienu ma rcevewhiex u difatti kienet indirizzata lil mark@mas.com.mt li mhix l-email taghha. Hija prezentat document DF13 77 biex turi li lil min riedet is-socjeta' attrici printjat ir-riklam bil-logos fuqu u ma tafx ghaliex lilhom ma ghamlulhomx l-istess.

In kontro-ezami meta murija fol 29 hija kkonfermat li din l-ordni saret minn Mark Falzon li kien direttur tas-socjeta' konvenuta u li l-kliem 'FP' ifissru 'Full Page' u li mal-*full page* kienu qed jaghtuhom *another spot.*

A fol 79 et in kontro-ezami Danika Falzon spjegat li fl-invoice numru 6103 hemm inkluz ordni ghal *full page advert* liema *full page advert* hareg izda kien hemm in-*news item* nieqes li ma giex sewwa u 'Dupont' ghalkemm ma kienx parti mill-ftehim hija tghid li kienet ddiskutietha ma' Andrew Farrugia li jahdem mas-socjeta' attrici. Rigward Dok DF2 a fol 63 hija kkonferma li n-*news items* huma kollha inkluzi u li l-logos ma hemmx fir-ritratt filwaqt li kkonferma li hija kienet baghtitilhom a fol 64 kif irid ikun l-*advert* izda meta ma tafx izda tiftakar li Andrew Farrugia ghamel siegha jiggieled maghha fuq it-telefon biex jghidilha li ma setghax jaghtiha *proof* u tahha l-*proof* izda xorta harigha differenti.

Rigward invoice numru 6135 hija xehdet li l-*full page add* hareg u mistoqsija meta sar il-*part payment* qaltilhom ghal liema invoice kienet qed taghmlu hija tghid li ma 'tihhediljax' accounts izda fuq it-telefown kienu qalulhom li kienu qed ihallsu parti mill-invoice sakemm jissetiljaw l-invoice l-ohra dik dwar 'Dupont' u li kieku ma setghax jaghmlu kif riedu huma r-reklam kien imissu infurmhom.

Rigward invoice numru 6205 hija tammetti li l-*full page advert* hareg meta huma kienu kkancellawha u meta fakkarha li huma jipposponu riedu u mhux jikkancellaw hija wiegbet li xorta tikkancella jekk ma tridux f'dak ix-xahar u riedet tikkancella ghax ma bdewx iqasmu kif suppost meta bdiet tara l-magazines fix-xita mal-art. Hija kienet cemplet lil Andrew dwar dan u qalilha li kien ser jiehu hsieb biex anke lil-Maypole ipogguh fejn il-hobz. Meta mitluba tikkonferma li l-cancellation ghamlitha xi ghoxrin (20) gurnata biss qabel hija wiegbet li ma tiftakarx ghax ghadda wisq zmien. Rigward l-invoices l-ohra l-*full page advert* kien hareg u n-*news* kien hemm problema.

Hija xehdet li kemm-il darba qalulhom lis-socjeta' attrici biex jiltaqghu izda huma qatt ma riedu.

Hija kkonfermat li dwar n-*news item* is-socjeta' attrici kienet tibghatulhom e-mail biex jipprovdulhom n-*news item* li kellha tohrog mar-reklam li ma kellix tkun aktar minn hamsin (50) kelma u gieli tletin (30) kelma skont kif jiddeciedu huma izda taghha lanqas hamsin (50) jew tletin (30) kelma ma kien ikollha. Hija kkonfermat li qabel huma kienu jigu ccargjati ghan-*news item* izda wara s-socjeta' attrici bidlu l-proceduri meta kienu bbukjaw ghal nofs is-sena u biex jinkoragguhom jibbukjaw ghax-xhur rimanenti ma kienux jiccargjawhom ghal l-i*news item*.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgha lill-partijiet jitrattaw il-kawza.

Ikkunsidra

Li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa ghal servizz ta' reklamar rez lis-socjeta' konvenuta u li jammonta ghal tlett elef erba' mija u tmien ewro (€3,408) u dan jikkonsisti f'hames (5) invoices kif gej:

Invoice numru 7502 datat 29 ta' Marzu 2016 fl-ammont ta' tlett mija u erbgha u hamsin ewro (€354), u kopja tal-invoice ma hix fl-atti u lanqas provi dwarha ma saru.

Invoice numru 6103 datat 24 ta' Gunju 2014 fl-ammont ta' mitejn u tnejn u ghoxrin ewro (€222), li minn fol 5 jirrizulta li tirrigwarda *Full Page advert* fil-harga ta' Gunju 2014 fl-ammont ta' disa' mija u erbgha u erbghin ewro (€944);
Invoice numru 6135 datat 25 ta' Lulju 2014 fl-ammont ta' disa' mija u erbgha u erbghin ewro (€944), li minn fol 6 jirrizulta li tirrigwarda *full page advert* fil-harga ta' Lulju 2014 fil-magazine 'Homeworks';
Invoice numru 6205 datat 22 ta' Awissu 2014 fl-ammont ta' disa' mija u erbgha u erbghin ewro (€944), li minn fol 7 tirrigwarda *full page advert* fil-harga ta' Awwissu 2014 fl-istess magazine;
Invoice number 6307 datat 31 ta' Ottubru 2014 fl-ammont ta' disa' mija u erbgha u erbghin ewro (€944) li minn fol 8 tirrigwarda *full page advert* fil-harga ta' Ottubru 2014 fl-istess magazine.

Illi mis-*sales order* fol 29 jirrizulta li s-socjeta' konvenuta accettat li fil-harga tal-magazine 'Homeworks' ta' Mejju, Gunju, Lulju, Awwissu, Ottubru u Novembru 2014 jidhru *full page advert* fl-istess magazine ghal prezz ta' tmien mitt ewro (€800) oltre l-VAT ghal kull harga.

A fol 30 jirrizulta mill-i*Standard Terms and Conditions of Sale* li "*The Adviser must give at least thirty (30) days working notice in writing (by recorded post) prior to Copy Deadline if it wants to cancel any Advertisement otherwise the Advertiser will be responsible for the full payment agreed.*" U li skont l-istess il-kelma '*Advertisement*' tfisser "*the advertisement which the advertiser wishes to appear in the Magazine*."

A fol 29 jirrizulta li s-*sales order* kienet ghal *Full Page advertisement* fl-ammont ta' tmien mitt ewro (€800) oltre VAT ghal kull reklam liema *full page advert* kellu jidher fil-harga ta' Mejju, Gunju Lulju, Awwissu, Ottubru u Novembru tas-sena 2014 liema *full page advert* sar kull darba u kif suppost.

L-ilment tas-socjeta' konvenuta huwa dwar dak li deher fil-*Home News* jew *advertorial news* li jissemma f'din il-kawza, li ghalkem kienu bla hlas hija tikkontendi li dawn kellhom ukoll isiru kif suppost.

U lment iehor kien li l-arrangament originarjament kien li l-magazine jigi distribwit mal-gurnal 'The Times' izda minn Awwissu 2014 jirrizulta li dan l-arrangament is-socjeta' attrici bidlitu u bdiet tqasmu hija fil-hwienet izda xorta baqa' bla hlas u li din l-informazzjoni inghatat lil Danica Falzon ghas-socjeta' konvenuta minn Mark Spiteri ghas-socjeta' attrici wara li fid-09 ta ' Awwissu hija tghid li marret biex tixtri 'The Times' u ma sabitux mal-gazzetta (fol 23).

Invoice numru 6103 -harga Gunju 2014

Dwar il-*full page* ma hemmx problema. Il-problema tas-socjeta' attrici hija dwar in-*news item* a fol 017 tal-istess magazine rigward 'Dupont' li l-istampa ma saritx kif dik provduta minnha lis-socjeta' attrici kif tidher a fol 65. Is-socjeta' attrici tikkontendi li dawn kienu qed isiru minghajr hlas u ma kienetx marbuta li taghmilhom kif tordna s-socjeta' konvenuta. Dan it-Tribunal jasal biex lis-socjeta' attrici taghtiha ragun tenut kont li xejn minn dak li qed tikkontendi s-socjeta' konvenuta ma gie pruvat cioe' li mal-istampa li baghtet lis-socjeta' attrici biex tidher fl-i*news item*, hija ghamlitha cara li xejn ma kellu jitnehha u tenut kont li hija kienet qed tidher ghas-socjeta' estera 'Du Point' hija kellha toqghod aktar attenta.

Illi ghalhekk dan l-ammont huwa dovut fl-intier tieghu.

Invoice numru 6135 – harga Lulju 2014

Rigward invoice numru 6135 is-socjeta' konvenuta tammetti li dan huwa dovut fl-intier tieghu izda li ghamlu *part payment* u dan il-*part payment* gie mnaqqas mill-invoice numru 6103 kif tammetti l-istess Danica Falzon ghas-socjeta' konvenuta fol 53. Illi effettivament jirrizulta lil dan it-Tribunal li l-invoice numru 6103 originarjament kienet ta' disa' mija u erbgha u erbghin ewro (€944) ukoll u l-bilanc dovut huwa ta' mitejn u tnejn u ghoxrin (€222) u li ghalhekk il-*part payment* li ghamlet is-socjeta' konvenuta kien ta' seba' mija u tnejn u ghoxrin ewro (€722).

Illi dan ir-reklam is-socjeta' konvenuta ma kellix ilmenti u lanqas dwar in-*news item* a fol 009 tal-istess magazine.

Li ghalhekk dan l-ammont ghandu jithallas fl-intier tieghu stante li l-pagament li sar mis-socjeta' konvenuta gie mnaqqas fl-invoice numru 6103 li huwa kollu dovut.

Invoice numru 6205- harga Awwissu 2014

Hawn *si tratta* ta' tal-*full page advert* u tal-*home news* li dehru f'din il-harga – dak ta' *full page* li ma hemmx ilmenti dwaru u jidher f'pagna 075 tal-harga tal-magazine 'Homeworks' t' Awwissu 2014 esebit fis-seduta tat-08 ta' Marzu 2019.

Jidher li l-ilment tas-socjeta' konvenuta huwa dwar ir-reklam li deher a fol 015 tal-magazine u tilmenta li kellhom *advertorial news item* u nqatghu l-logos minn fuq l-*image* u nqata' t-text kif kellhom jidhru a fol 72 u li l-arrangament li kien hemm bejniethom li l-magazine kellu jitqassam mal-gurnal 'The Times' *ad insaputa* taghhom inbidel u beda jithalla mal-art fil-hwienet.

Skont is-socjeta' konvenuta dan kellu jkun skont fol 72 u ma setghetx is-socjeta' attrici taqta kliem minnu. Jigi rilevat li l-*iStandard Terms and Conditions of Sale* jiddefinixxu '*Advertisement*' hekk: "*Advertisement means the Advertisement which the advertiser wishes to appear in the Magazine*." U li ghalhekk n-*news item* ma taqax taht it-tifsira ta' *advertisement*. A fol 68 jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet giet infurmata li n-*news item* kien ser ikun ta' daqs 10x10cm u ta' mhux aktar minn hamsin (50) kelma. Rabta ta' kemm kien il-minimu ta' kliem ma jirrizultax.

Dwar dak li tikkontendi s-socjeta' konvenuta li l-magazine kellu jitqassam mal-gurnal 'The Times' mill-atti ma jirrizulta xejn minn dan anzi minn pagna 11 tal-harga tal-magazine t' Awwissu 2014 u u kif ukoll mill-pagna 009 tal-harga tal-magazine ta' Novembru 2015, f'dawn iz-zewg hargiet biss, dwar dan hemm imnizzel biss li "*Homeworks is distributed to all outlets that carry the Sunday Newspapers*."

Illi mill-atti ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim dwar in-*news item* bejn il-partijiet u ghalhekk ma jistax jinghad li s-socjeta' attrici kisret xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet kif lanqas jirrizulta li s-socjeta' konvenuta meta baghtet x'kellu jidher fl-i*news* u hemm

ghamlitha cara li s-socjeta' attrici li l-kliem ma kellhomx jitnehhew minn fuq l-istampa u ta' dan in-nuqqas ma tahtix is-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk dan l-ammont huwa dovut fl-intier tieghu.

Invoice numru 6307 – harga Novembru 2014

Is-socjeta' konvenuta tikkontendi li dan il-kont ma kellix thallsu ghax huma kienu kkancellaw l-ordni u difatti ma kienx hemm *news item* ghax huma ma riedux ir-reklam. Danica Falzon ghas-socjeta' konvenuta tikkontendi li ghalhekk dan mhux dovut ghax meta harget l-invoice f'Ottubru 2014 huma kienu kkancellaw l-ordni u li kieku kienu ser jaghmlu reklam ta' *bathroom* u mhux qabdet is-socjeta' attrici u ghamlet reklam bhal ma kien hemm fil-harga ta' qabel. Hija tikkontendi li l-invoice ta' wara 6307 ma messietx harget ghax kienet ikkancellatu. Fil-fatt l-invoice hija datata Ottubru 2014 u taghmel referenza ghal magazine li hareg f'Novembru u li fih ma kienx hemm *news item* ghax huma ma rieduhx. Difatti xejn materjal ma ghaddewlhom biex jigi stampat ghax kienu kkancellaw l-ordni. U kieku kienu ser jaghmluh kienu jaghmluh *bathroom* izda huma qabdu u tefghu l-istess bhal ta' qabel. Meta murija l-email a fol 21 juri li huma kienu diga hallsu ghalihom u rigward l-email a fol 25 hija tghid li din kieku ma rcevewhiex u difatti kienet indirizzata lill-mark@mas.com.mt li mhix l-email taghha.

Illi minn fol 30 *terms and conditions of sale* jirrizulta li l-kancellament irid isir fi zmien tletin (30) gurnata tax-xoghol qabel id-*deadline* ta' meta ghandha tintbaghat il-kopja u fin-nuqqas il-hlas jibqa xorta dovut, il-kliem preciz huma dawn : "*The Advertiser must give at least thirty (30) days working notice in writing (by recorded post) prior to Copy deadline it if wants to cancel any Advertisement, otherwise the Advertiser will be responsible for the full payment agreed.*"

Mill-atti ma jirrizultax li dan ghamlitu fi zmien stipulat is-socjeta' konvenuta meta minn fol 29 l-istess oscjeta konvenuta intrabtet li tixtri dawn il-*full page adverts* ghal harga minn Mejju sa Novembru 2014 u fl-istess *sales order* ma kien hemm ebda kundizzjoniiet ghajr dwar il-pagament.

Ghaldaqstant dan l-ammont huwa dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici.

Rigward invoice numru 7052 datata 29 ta' Marzu 2016 skont fol 4, ma jirrizultaw ebda provi fir-rigward u ghalhekk dan l-ammont ta' tlett mija u erbgha u hamsin ewro (€354) mhux dovut.

Rigward invoice numru 3408 li tilmenta dwarha Danica Falzon ghas-socjeta' konvenuta a fol 51, din ma tirrizultax li taghmel parti minn din it-talba.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament fl-ammont ta' elfejn tmien mija u erbgha u hamsin ewro (€2,854) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**